MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Numru. 1064/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**KONTRA**

**JASON CARABOTT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jason Carabott ta’ 34, bin Carmelo u Felicita’ nee’ Grech, mwieled Pieta’ nhar it- 22 ta’ Marzu 1975, residenti fil-fond 16, Triq il- Bizzilla, Ghaxaq u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 249175(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 4 ta’ April 2009 ghal habta tat- 20.00hrs gewwa Triq il- Power Station, M’Xlokk, saq vettura bin- numru BAA 152;

1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat- traffiku, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Derek Fenech (402585M) skond kif iccertifikat Dr. Michele Spiteri MD (2772) mill- Emergenza tal- MDH;

2) kif ukoll talli saq l- imsemmija vettura b’ manjiera a) traskurata, b) perikoluza u c) bla kont.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien qed isuq vettura fl-4 ta’ April 2009 fil-ghaxija f’ Marsaxlokk, meta laqat lil Derek Fenech bl-istess vettura u kkagunalu feriti gravi. Mid-dinamika tal-incident jidher li dan kien ghal kollox incident sfortunat. Derek Fenech flimkien ma’ habib tieghu kienu “jogging” fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk, fil-ghaxija. It-triq kienet wahda mudlama, huma kienu qed jigru ma genb xulxin, b’ Fenech in-naha ta’ barra tat-triq, darhom lejn it-traffiku, u Fenech ma kienx liebes materjal li jirrefletti d-dawl tal-karozzi. Hu intlaqat mill-vettura misjuqa mill-imputat, izda b’ xorti tajba u minhabba li ma kienx hemm velocita’ eccessiva, l-impatt ma kienx wiehed ta’ konsegwenza serja. Madankollu, Fenech sofra griehi gravi permanenti b’ risultat ta’ dan l-incident.

Minn dawn il-provi l-Qorti tara li kien hemm ammont ta' negligenza kontributorja min-naha ta' Fenech, u dan ghaliex hu kien qed jigri minghajr ilbies li jirrefletti d-dawl, fl-istess direzzjoni tat-traffiku, u fit-triq ma' genb siehbu u mhux warajh. Ghandu jinghad li l-bankina f' dik il-parti tat-triq kienet mimlija haxix u sigar, u ghalhekk Fenech u siehbu ma kellhomx ghazla hlief li jigru fit-triq, izda n-nuqqas taghhom kien li ma kienux liebsin ilbies li jirrefletti d-dawl, u li kienu qed jigru fl-istess direzzjoni tat-traffiku, jigifieri b' darhom lejn il-vetturi gejjin fuqhom. Aktar minn hekk, Fenech kien fuq in-naha ta' bara ma' genb siehbu, minnflok ma zammew "single file" wara xulxin. Ghalhekk hemm ftit negligenza kontributorja min-naha ta' Fenech. L-imputat, izda, kellu jzomm "a proper lookout" jekk kien qed isuq fid-dlam, haga li facilment seta' ghamel peress illi t-triq hi wahda li ttik vizwali ghal tul konsiderevoli. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti sejra ssib htija fl-imputat ghall-incident mertu ta' din il-kawza, izda ser tittempera l-piena ghar-ragunijiet moghtija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 15 tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal- ewwel (1) u t- tieni (2) (a) akkuza, bhala sewqan traskurat izda mhux perikoluz jew bla kont, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------